**26 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbllika ta' Malta

*versus*

Gioacchino *sive* Jackie Pace, Victor Falzon, Paul Degabriele u Carmel *sive* Charles Mugliett

## Stqarrijiet – Ismijiet ta' Ko-Imputati – Fotografiji – Periti

*Stqarrija ta' imputat li fiha jissemma ko-imputat ieħor hi ammissibbli u mhux meħtieġ li isem dak il-ko-imputat jiġi sfilzat minn dik l-istqarrija.*

*Ritratti li ttieħdu biex jibqa' rreġistrat stat ta' fatt eżistenti fil-mument li ttiedħu u li qatt ma kienu intiżi biex isolvu xi kwistjoni teknika li għas-soluzzjoni tagħha tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali huma ammissibbli mingħajr il-ħtieġa li min ħadhom ikun ġie nnominat għal dan il-fini mill-Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Paul Degabriele li permezz tiegħu wara li ssottometta:

1. Illi b'nota pprezentata fid-29 ta' Ottubru, 1984, kien

eċċepixxa:

a. *Illi mhux ammissibbli illi fl-istqarrijiet ta' l-imputati* individwali jissemmew l-ismijiet tal-ko-imputati l-oħra. F'dan il-proċess hemm imsemmi l-isem tiegħu fl-istqarrijiet li hemm esebiti tal-ko-imputati l-oħra. L-istqarrija hi prova biss għal min jagħmilha u għalhekk għandhom jiġu sfilzati *l-ismijiet ta' l-*imputati l-oħra fl-istess stqarrijiet tiegħu;

b. Illi x-xiehda tal-P.C. 228 Mario Schembri d-dokumenti minnu esebiti fil-proċess u ċioè Dokumenti K*1* sa Dokument K6 għandhom jiġu sfilzati mill-proċess peress illi l-istess P.C. 228 Mario Schembri ma kienx nominat bħala espert mill-Qorti u għalhekk il-provi prodotti minnu huma inamissibbli;

ċ. Illi bl-istess mod għandhom jiġu sfilzati d-dokumenti esebiti fil-proċess a fol 52 Dokument J1 sa J16 minn P.C. 1032 John Debattista li l-anqas ma kien inkarigat bħala espert *mill*-Qorti;

d. Illi ukoll d-dokumenti CM1 sa CM4 esebiti fil-proċess a fol 253 minn P.C. 775 Carmel Marsh u dan għaliex l-istess xhud qatt ma ġie nnominat *mill*-Qorti sabiex jottjeni u jesebixxi d-dokumenti esebiti;

e. Illi bl-istess mod d-dokumenti MS1 saMS8 esebiti fil-proċess minn P.C. 228 Mario Schembri *(vide)* fol. 259-260 għandhom jiġu sfilzati għax l-istess xhud ma kienx espert innominat mill-Qorti sabiex jottjeni u jesebixxi l-prova li hemm esebita;

2. Illi bid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Lulju, 1985, l-

Onorabbli Qorti Kriminali rrespinġiet 'il fuq imsemmija eċċezzjonijiet, u billi ħass ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni interpona appell lil din il-Qorti u talab lil din l-istess Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija;

Rat l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-31 ta' Lulju, 1985, u l-atti kollha rilevanti u opportuni, kompriż l-Att ta' Akkuża numru 14/84;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difiża u mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-ewwel aggravju ta' l-appellant (riferribilment għall-eċċezzjoni taħt l-ittra (a) f'din is-sentenza) fis-sens illi mhux ammissibbli illi fl-istqarrijiet ta' l-imputati individwali jissemmew l-ismijiet tal-ko-imputati l-oħra, u li għalhekk isem l-appellant għandu jitneħħa kull fejn jidher fl-istqarrijiet tal-ko-imputati l-oħra, din il-Qorti diġa' ppronunzjat ruħha dwar il-prinċipji li jirregolaw din il-materja fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Ġunju, 1987, fil-kawża fl-ismijiet: "Ir-Repubblika ta' Malta kontra Żarena *sive* Nazzarena Calleja *et.*" Għalhekk, għall-istess motivi f'dik is-sentenza dedotti, li m'hemmx għal fejn jiġu rripetuti, tirritjeni li dan l-aggravju ta' l-appellant preżenti huwa nfondat;

Kwantu, imbagħad, għall-aggravju l-ieħor ta' l-appellant rigwardanti l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-paragrafi "b" sa "e" kif iktar 'il fuq elenkati, fil-fehma tal-Qorti l-posizzjoni korretta kif temerġi mid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali hija din:

Minn eżami tad-deposizzjonijiet tax-xhieda msemmija firrikors ta' l-appell u tad-dokumenti esebiti, ċjoè d-dokumenti K1, sa K6, *J1* sa *J16*, *CM1* sa *CM4*, u *MS1* sa *MS8*, *li tagħhom* qiegħed jintalab l-isfilz, jirriżulta li dawn l-istess dokumenti jikkonsistu sempliċiment f'fotografiji tad-diversi postijiet fejn ġew kommessi r-reati msemmija mill-persuni li ħadu l-istess fotografiji;

Minn imkien ma jirriżulta li xi waħda minn dawn il-persuni (li huma kollha membri tal-korp tal-Pulizija) esprimiet xi opinjoni *jew esegwiet xi eżami fuq xi persuna jew xi ħaġa li għalih tkun* tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali;

L-artikolu 650(1) tal-Kodiċi Kriminali, li fuqu huwa bbażat *l-appell f'dan ir-rigward, jitkellem dwar "eżami ta' persuna jew* ta' ħaġa", u huwa altru li ċar li fil-każ preżenti kif diġà ġie rrilevat, id-dokumenti in kwistjoni m'humiex ir-riżultat ta' l-ebda eżami, eżda sempliċiment jirriproduċu l-istat ta' fatt meta ttieħdu l-fotografiji;

M'hammx dubbju illi, kif anke ġie ritenut fis-sentenza ċitata anke mill-appellant, "Pulizija *vs* Arthur S. Mortimer " (Vol. XXXIII.IV.758), skond l-imsemmi artikolu 650 "meta, għar-rigward ta' kwistjonijiet teknici, ikun hemm bżonn ta' nomina ta' esperti, dawn għandhom jiġu magħżula mill-Qorti", u l-perizja '*ex parte*' mhix ammissibbli fil-kamp kriminali. Fil-każ preżenti l-fotografiji in kwistjoni qatt ma kienu intiżi biex isolvu xi kwistjoni teknika li għas-soluzzjoni tagħha tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, iżda sempliċiment ittieħdu biex jibqa' rreġistrat stat ta' fatt eżistenti fil-mument li ttieħdu, u ġew sussegwentement esibiti mill-Prosekuzzjoni, għandha d-dritt tattakka bil-mezzi u l-modi legali dawn il-provi;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell interpost mill-imsemmi Paul Degabriele u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.